MALTA

# QORTI KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Numru 7777/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Abdilla)**

**v.**

**Reuben Micallef**

Illum, 30 ta’ Marzu 2009

**Il-Qorti**:

Regghet rat ir-rikors ta’ l-Avukat Generali tas-27 ta’ Marzu 2009 li permezz tieghu huwa talab, a tenur tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 574A tal-Kodici Kriminali, li din il-Qorti “tibdel il-kondizzjonijiet ghall-ghoti tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest b’kondizzjonijiet aktar idoneji sabiex jassiguraw li l-imputat jaderixxi serjament ma’ l-obbligi minnu assunti lejn il-Qrati ta’ Gustizzja ta’ dan il-pajjiz, fosthom li jigi impost fuq l-imputat l-obbligu li jiddepozita fir-Registru tal-Qorti somma ta’ flus bhala garanzija”;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu ordnat in-notifika lill-imsemmi Reuben Micallef u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal-lum;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet – l-Avukat Dott. Jason Grima ghall-Avukat Generali u l-Avukat Dott. Stephen Tonna Lowell ghall-intimat Micallef – fl-udjenza tal-lum; semghet ukoll bil-gurament lill-Ispettur Ian Abdilla; rat l-atti relevanti; ikkunsidrat:

Fl-24 ta' Marzu 2009 l-intimat, li hu avukat, tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat b'approprjazzjoni indebita aggravata ta' somma ta' flus li teccedi €2,329.37 a dannu tal-koppja Alan David Huntley u Sylvia Winifred Huntley. Fl-udjenza tal-presentata gie registrat verbal mnejn jirrizulta li l-parti leza – il-konjugi Huntley – kienu gew rifuzi l-ammont allegatament misapproprjijat. In vista, pero`, tal-attribuzzjoni tal-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 294 tal-Kap. 9, il-kaz huwa wiehed procedibbli *ex officio* u ma jiddependix fuq il-kwerela tal-parti leza.

F'dik l-udjenza l-imputat talab il-helsien mill-arrest. Fil-verbal hemm registrat hekk: *"Il-Qorti tilqa' t-talba ghall-helsien mill-arrest ta' l-imputat."* A fol. 11 tal-atti, imbaghad, hemm id-digriet tal-Qorti Inferjuri li bih akkordat l-imsemmi helsien mill-arrest. Jirrizulta minn dan id-digriet li ghalkemm dik il-Qorti imponiet il-kundizzjoni li l-imputat jidher ghal kull ordni tal-Qorti, li ma jsiefirx, li ma jkellimx u ma javvicinax ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, li ma jikkommettix delitt iehor, li ma jbiddilx l-indirizz tieghu u li jirraporta kull nhar ta' Tnejn fil-Ghassa ta' San Giljan bejn it-8.00 a.m. u t-8.00 p.m, **ma imponiet ebda garanzija skond il-ligi.**

L-abbili difensur tal-intimat issottometta illi meta ebda garanzija ma tigi imposta, l-Avukat Generali m'ghandux dritt jinvoka s-subartikolu (9) tal-imsemmi Artikolu 574A. Din il-Qorti ma taqbilx. L-espressjoni *"jew sabiex jemenda l-kondizzjonijiet, inkluz l-ammont tal-garanzija, li setghu gew stabbiliti mill-Qorti tal-Magistrati"* kjarament tkopri

wkoll is-sitwazzjoni, anomala ghall-ahhar, meta, b'non osservanza tal-ligi, ebda garanzija ma tkun giet imposta. Il-garanzija ("security", fit-test Ingliz) hija il-kundizzjoni ewlenija u, salv iz-zewg eccezzjonijiet imsemmija hawn aktar 'l isfel, *sine qua non* ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest kif jirrizulta mil-lokuzzjoni adoperata fl-Artikoli 574(1), 576, 577 u specjalment 578 – ghax proprju bil-ghoti ta' dik il-garanzija l-imputat jew akkuzat jigi mehlus mill-arrest. Il-kundizzjonijiet l-ohra huma addizzjonali, u intizi biex ikomplu jassiguraw id-dehra tal-imsemmi imputat jew akkuzat, u li ma javverawx ruhhom xi wahda jew ohra mic-cirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575. Ghalhekk ir-rikors odjern ta' l-Avukat Generali huwa perfettament ritwali.

Kif inghad, il-Qorti Inferjuri ma setghetx f'dan il-kaz takkorda l-helsien mill-arrest lill-imputat minghajr garanzija – garanzija permezz ta' plegg ossia terz idoneju (Art. 577(1)), jew permezz tad-depozitu tas-somma jew rahan li jiswa daqsha, jew f'forma ta' garanzija personali (Art. 577(2)). Huwa biss fil-kaz ta' kontravvenzjonijiet jew ta' delitti li huma ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li l-qorti tista' tehles lill-imputat minn kull xorta ta' garanzija (Art. 577(3)). Ir-reat ta' approprjazzjoni indebita, anke minghajr l-aggravanti tal-Artikolu 294, certament la hu kontravvenzjoni u anqas ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tant li l-Qorti Inferjuri, fl-udjenza tal-24 ta' Marzu 2009 ipprocediet <u>bhala Qorti Istruttorja</u>. Anqas ma hu dan il-kaz ta' l-applikazzjoni tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 577 u cioe` meta l-imputat jista' jigi mehlus minn kull xorta ta' garanzija fin-nuqqas ta' opposizzjoni ta' l-Avukat Generali meta jkun hemm *"...certifikat mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija..."* li l-imputat huwa fqir u ta' morali tajba. Ebda tali certifikat ma gie presentat f'dan il-kaz.

Il-Qorti, ghalhekk, ma tistax hlief tikkonkludi li f'dan il-kaz il-Qorti Inferjuri malament akkordat il-helsien mill-arrest lill-intimat odjern minghajr ebda garanzija.

Din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni dak kollu msemmi fl-Artikolu 576 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll il-fatt li l-ammont allegatament immisapproprijat kien ta’ €70,000, kif ukoll li dana l-ammont gie effettivament restitwit, hi tal-fehma li ghandha thassar id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tal-24 ta’ Marzu 2009, u minflok, prevja li tordna r-riarrest tal-intimat Reuben Micallef, takkordalu l-helsien mill-arrest f’dawn il-proceduri taht is-segwenti kundizzjonijiet:

**i. li r-rikorrent jidher u joqghod ghal kull ordni ta' din il-Qorti jew ta' kwalsiasi Qorti ohra li quddiemha jkun jinsab il-process jew xi kwistjoni li tohrog mill-process jew li hi marbuta mieghu;**

**ii. li ma jikkomunikax jew jipprova jikkomunika b’ebda mod, la direttament u anqas indirettament jew tramite terzi, jew bit-telefon, max-xhieda tal-prosekuzzjoni;**

**iii. li jirrisjedi fl-indirizz 168, St Joseph, Triq San Giljan, San Gwann, u li ma jbiddilx din ir-residenza minghajr il-permess tal-Qorti;**

**iv. li jirraporta darba kull nhar ta’ Tnejn fil-Ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan bejn it-tmienja ta’ filghodu u t-tmienja ta’ filghaxija (8.00 a.m. u 8.00 p.m.);**

**v. li jikkonsenja l-passaport u kull “travel document” iehor li jista’ jinsab fil-pussess tieghu, inkluza l-karta ta’ l-identità, lill-Ispettur tal-Pulizija Ian Abdilla; li ma jhallix jew jipprova jhalli dawn il-Gzejjer; kif ukoll li ma jitlax jew jipprova jitla’ fuq ebda dghajsa, lanca, *yacht*, vapur jew mezz iehor ta’ trasport bil-bahar, ikun ta’ liema xorta jkun; u**

**vi. li jaghmel tajjeb ghall-dawn il-kundizzjonijiet kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi <u>jew</u> jiddepozita taht l-awtorita` ta’ din il-Qorti u bhala**

**garanzija s-somma ta' sitt elef euro (€6,000) jew igib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub ghas-somma ta' sitt elef euro (€6,000); f'kaz li jingieb tali plegg il-Qorti tordna li jinghata avviz ta' erbgha w ghoxrin siegha kif provvdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 582 tal-Kodici Kriminali sabiex tkun tista' tigi determinata l-idoneità ta' tali plegg, u din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------